# KUNSILL LOKALI SANTA VENERA

Triq il-Kbira San Gużepp
Santa Venera SVR 1013

Tel: 21491030    Fax: 21491664
indirizze: santavenera.lc@gov.mt
Sit elettroniku: http://www.stvenera.gov.mt


**43/18**

**Minuti tal-erbgha u tletin (43) laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, nhar il-Hamis 6 ta' Dicembru, 2012 fil- 5.30 ta' filgħaxija**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Preżenti:** | Is-Sur Horace J. Anastasi | - | Sindku |
| | Is-Sur Ronald Briffa | - | Viċi Sindku<br>(daħal 17.46 ta' filgħaxija) |
| | Is-Sinj. Mariella Micallef | - | Kunsilliera<br>(daħlet 17.42 ta' filgħaxija |
| | Is-Sur Carmel Camilleri | | Kunsillier |
| | Is-Sur Stephen Sultana | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Edwin Formosa | - | Kunsillier |
| | Is-Sinj. Louise-Anne Gusman | - | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| **Assenti u Skużati:** | Is-Sur Cleaven C Bugeja | - | Kunsillier (bagħat ittre, xogħol) |

***Aġenda:***

1 Approvazzjoni tal-minuti tal-laqgħat: 37/18 (26.10.2012), 38/18 (5.11.2012) u 39/18 (7.11.2012)
*2* Punti mqajma mill-minuti
*3* *Schedule of Payment*
4 Kommunikazzjoni mis-Sindku
5 Mistoqsijiet/Suġġerimenti mill-Kunsillieri
6 Aġġornament

Il-laqgħa bdiet fil-17.37 ta' filgħaxija.

1 Is-Sindku u l-Kunsillieri bdew b'talba.

**2 Agenda**

2.1 Is-Sindku talab għall-korrezzjoni tan-numru tal-Aġenda minn 41 għall-43 peress li l-Kunsill Lokali rċieva direzzjoni mill-Bord tal-Monitoraġġ lin-numri li ntużaw għal-laqgħat li kienu ddikjarati nulli (41 u 42) ma jistgħux jerġgħu jintużaw. Wara diskussjoni, l-korrezzjoni tan-numru tal-Aġenda ġiet approvata.

2.2 Is-Sur Charles Camilleri staqsa għalfejn il-laqgħat 41 u 42 ġew iddikjarati nulli u jekk hemmx liġi fuq din.

2.3 Is-Sur Horace J Anastasi nforma lill-Kunsillieri preżenti li huwa ma qabilx mad-deċizjoni li ttieħdet mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Huwa spjega li l-Kunsillier is-Sur Stephen Sultana qatt m'oġġezzjoni fuq in-nullita' minħabba l-kworum iżda, li l-Aġenda waslet tard u li kien informa lis-Sindku waqt il-laqgħa tal-Kunsill li ma setax jattendi il-Ġimgha, 30 ta' Novembru, 2012. Is-Sindku sostna li dakinhar, is-Sur Sultana kien qabel li mit-Tnejn 26/11/2012 jaġġornaw għall-Erbgħa 28/11/2012 u ħadd ma kien oġġezzjona u fil-fatt, dak inhar is-Sur Sultana kien qal li kien hemm aġġornament. Is-Sindku kompla jispjega li l-Kunsill Lokali ta' Santa Venera qatt ma ġie avvinċinat f'dawn l-aħħar tliet snin, li mhux suppost issir laqgħa fi żmien jumejn ta' xogħol. Is-Sindku ma qabilx mal-fatt li l-laqgħat ġew iddikjarati nulli meta ħadd mill-Kunsillieri ma kien oġġezzjona. Il-jumejn ta' xogħol kienu għaddew fil-fatt bejn, laqgħa u oħra.

2.4 Is-Sur Sultana semma l-laqgħa li saret fit-13 ta' Ġunju 2011 kien ġara l-istess. Imma s-Sindku irrimarka li l-laqgħat li semma' l-Kunsillier Sultana kienu differenti. Is-Sindku wieġeb li dik il-laqgħa qatt ma kienet iddikjarata nulla imma sostna li l-Avukat Dott Angele Vella kellha titkellem mal-Avukat tal-Kunsill Lokali Dott Richard Sladden u li, l-Avukat Angele Vella qatt ma tkellmet mal-Avukat Richard Sladden li, jirrappreżenta lill-Kunsill Lokali ta' Santa Venera. Is-Sindku żied jgħid li dik la tlifniha u lanqas irbaħniha għax l-Avukat Vella qatt ma kellmitu lill-Dott Sladden. F'dik il-laqgħa kienu qalu li l-laqgħa ma tibdiex bit-talba, eċċ, eċċ. Is-Sindku żied jgħid lis-Sur Sultana kien kiteb imma n-nullita' kienet mhux fuq li kien kiteb huwa imma li hemm xi ħadd fid-Dipartiment li deherlu li dik tiġi nulla u l-Kunsill Lokali mhux ser jikkontestaha biex ma jitilfux iżjed ħin u jekk jibgħatu *query* lid-Dipartiment dawn idumu biex jwieġbu jew biex jibgħatu direzzjoni.

**3 Qari u approvazzjoni tal-minuti:**

***3.1 Minuti 37/18 (26/10/2012) –***

3.1.1 Ħadd ma kellu korrezzjoni fuq il-minuti 37/18. Il-minuti ġew approvati nem con.

***3.2 Minuti 38/18 (5/11/2012)***

3.2.1 Punt 21 - Is-Sur Sultana qal li peress ma kienx hemm kworum il-minuti kellhom jaslu sa punt 20. Is-Sindku talab lil-ASE biex dawn il-punti jitniżżlu taħt spjegazzjoni tas-Sindku peress li waqt li l-laqgħa kienet għada bla kworum s-Sur Sultana kien għadu fil-bini tal-Kunsill u li kien qiegħed jisma *kollox*. Is-Sur Sultana ċaħad li huwa dakinhar kien baqa' fil-bini tal-Kunsill.

3.2.2 Il-minuti marru għall-vot. Favur – 4 (Is-Sindku, l-Vici Sindku, u Kunsillieri s-Sinj Micallef u s-Sur Camilleri). Kontra 2 (Il-Kunsillieri, s-Sur Sultana u s-Sur Formosa). Il-minuti għaddew 4 kontra 2.

***3.3 Minuti 39/18 (7/11/2012)***

3.3.1 Korrezzjoni tal-minuti:

3.3.1.1 Dwar Punt 2.2 , Is-Sur Formosa qal li huwa qatt ma kien wiegħed u li huwa ma kienx jafu lis-Sur Cauchi. Hawnhekk is-Sindku ġibed l-attenzjoni li huma għadhom fil-korrezzjoni tal-minuti u mhux fil-punti mressqa mill-minuti.

3.3.1.2 Dwar Punt 2.4, is-Sur Sultana qal li huwa kien ressaq set ta' mistoqsijiet. Is-Sindku sostna li s-Sur Sultana fl-ebda ħin ma ressaq set mistoqsijiet u li huma kienu qegħdin jiddiskutu l-korezzjoni tal-minuti u mhux il-punti mressqa mill-minuti. Is-Sindku stqarr li dak inhar is-Sur Sultana ried iressaq xi punti imma s-Sindku qallu li dawk ried jgħaddihom lis-Segretarju tal-Bord tal-Għażla. Is-Sur Sultana baqa jgħid li huwa ressaq xi punti imma s-Sur Anastasi sostna li huwa qiegħed jmexxi l-laqgħa u mhux is-Sur Sultana u qallu biex ma jkompliex jaħlilu l-hin. Is-Sur Sultana talab li din hija korrezzjoni imma s-Sindku qallu li din hija punti mressqa mill-minuti. Is-Sur Anastasi zied jgħid lis-Sur Sultana kien qiegħed jagħmel ~~att~~apposta biex itellef.

3.3.1.3 Is-Sindku talab għall-vot li din mhijiex korrezzjoni tal-minuti imma li hija punti mressqa mill-minuti. Is-Sindku spjega lis-Sur Sultana ried jressaq xi punti imma dak in-nhar ma setgħax iressaq punti għax kellhom jiddiskutu materja waħda u li fl-ebda ħin is-Sur Sultana ma ressaq mistoqsijiet. Is-Sur Sultana beda jgħajjat lis-Sindku qiegħed imexxi dittatorjali u li talab għall-vot. Is-Sindku qal li fl-ebda ħin il-Kunsillier Sultana ma kien ressaq sett ta' mistoqsijiet. Is-Sindku qal li minn kien preżenti ried jivvota peress lis-Sur Sultana ried li jmorru għall-vot. Favur: 4 (is-Sindku, il-Vici Sindku, u l-Kunsillieri s-Sinj Micallef u s-Sur Camilleri. Kontra: il-Kunsillieri s-Sur Sultana u s-Sur Formosa. Il-vot ghadda 4 kontra 2.

3.3.1.4 Punt 4.1.2 trid issir 4.1.3

3.3.1.5 Punt 4.1.2 Is-Sur Sultana qal li huwa ma vvotax kontra s-Sur Charles Camilleri u li dak inhar huwa ma vvotax. Is-Sindku wieġeb li s-Sur Sultana kien ivvota kontra. Is-Sur Sultana beda jgħajjat li dak ma kienx minnu u li dik kienet gidba oħra sfaċċata u talab għall-korrezzjoni u kompla jgħajjat li dan ma kienx vera. Is-Sindku beda jaqra l-minuta 4.1.2. Sadanittant is-Sur Sultana baqa jgħajjat li ma vvutax kontra. Is-Sindku qal li dan kien qiegħed jagħmel hekk biex itellef. Is-Sur Sultana qal li s-Sindku qiegħed jimmanipula l-minuti permezz ta' l-Agent Segretarju Ezekuttiv u li t-tnejn qegħdin jimmanipulaw il-minuti. Is-Sindku qallu li mhux ser jħallih itellef izjed u staqsih jekk kellu iżjed korrezzjonijiet u s-Sur Sultana qal li din gidba oħra. Is-Sur Sultana talab għas-sospenzjonijiet tar-regolaramenti biex jisma r-recording u li qiegħed imur kontra l-etika.

3.3.1.6 Is-Sur Stephen Sultana għajjar lis-Sindku giddieb, miġnun, u li kien qiegħed jimmanipula l-minuti. Is-Sindku talab li jiġi infurmat id-Dipartiment għall-Gvern Lokali minnufih u żied jgħid li ma jeskludiex li jittieħdu proċeduri oħra legali min-naħa tas-Sindku. Is-Sindku qal lis-Sur Sultana li l-imġieba tiegħu kienet skorretta għax kien qed jikser il-kodiċi tal-etika u talbu biex jitlaq il-barra. Is-Sur Sultana beda jgħajjat biex is-Sindku jitlaq qablu 'l barra, darba darbtejn u li huwa ma kienx ser ipaxxih. Is-Sindku żied jgħid li minħabba li l-Kunsillier Sultana kien arroganti u kien qiegħed jkompli itellef il-laqgħa, s-Sindku talbu biex joħrog mill-laqgħa u s-Sur Sultana baqa' jsostni li ma ridx joħrog mill-laqgħa. Is-Sindku tah 10 minuti ċans biex joħrog mill-laqgħa. Is-Sur Sultana baqa jikkummenta li s-Sindku kien qiegħed ikompli jaħli l-ħin u li missu jistħi.

3.3.1.7 Is-Sindku rrefera għall-artiklu 20 tas-VI Skeda li l-ebda membru waqt laqgħa ma jista' jinjora l-ordinijiet tas-Sindku, itellef ix-xogħol apposta jew iġib ruħu b'mod

irregolari, offensiv jew mhux kif suppost jew bit-tali mod li jiskandalizza l-Kunsill jew iġib fuqu stmerrija jew jwaqqgħu għar-redikolu. Jekk fl-opinjoni tas-Sindku membru ikun kiser id-dispozizzjoni ta paragrafu wieħed ta' din l-ordni permanenti is-Sindku għandu jesprimi din l-opinjoni lill-Kunsill u wara kull membru jista jressaq li l-membru ma jinstemax iżjed jew il-membru msemmi ma jinstemax izjed jew l-membru ~~in~~msemmi jitlaq mill-laqgħa u l-mozzjoni jekk tiġi ssekondata għandha tgħaddi mill-ewwel u mingħajr diskussjoni.

3.3.1.8 Is-Sindku qal li huwa se jgħaddi l-mozzjoni. Is-Sur Sultana qal li huwa kien talab għall-korrezzjoni. Huwa qal lis-Sindku biex ma jkompliex jivvinta. Is-Sinj Micallef issekondat. Is-Sindku talab min hu favur: Is-Sindku, is-Sur Briffa, is-Sinj Micallef u s-Sur Camilleri kienu favur. Kontra: is-Sur Formosa. Is-Sur Sultana stqarr li ma kienx qed jikkalkula l-mozzjoni u qal li l-mozzjoni kienet frivola. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li Sultana kien qed jastjena. Il-mozzjoni għaddiet b '4 vot favur, 1 kontra, 1 astensjoni.

3.3.1.9 Is-Sur Sultana kompla jgħajjat biex is-Sindku ma jkompliex. Is-Sindku kompla jaqra mill-liġi li jekk xi waħda mil-mozzjonijiet ma tiġiex obduta, s-Sindku jista' jieħu miżuri oħra kif ikun meħtieġ biex jinfurzhom. Is-Sur Sultana qal li jekk dan kien mod kif jagħlaqlu ħalqu kien qiegħed jgħarralu bil-kbir u qal ukoll li ser ġġibha fuq il-gazzetti.

3.3.1.10 Is-Sindku qal li l-laqgħa ħa tiġi ssospenduta u li billi l-laqgħa ta' nhar it-Tnejn kienet aġġornata wara li l-laqgħa 42/18 kienet ġiet nulla, huwa sejjah dik il-laqgħa biex titkompla nhar it-Tnejn, 10 ta' Diċembru, 2012, fil-5.30 ta' filgħaxija.

3.3.1.11 F'dak il-ħin is-Sur Formosa stqarr li huwa kien qieghed jircievi emails u li rċieva l-istess notifika fil-fax tlett darbiet. L-ASE wieġbet li huwa rċieva email wkoll. Is-Sur Formosa b'rabbja qal li huwa mhux suppost jirċievi fuq l-email tan-neputija għax huwa ma jarahiex imma l-ASE qaltlu li hija dejjem tibgħatlu fuq tad-Dipartiment. Is-Sur Formosa sostna li huwa irċieva l-istess notifika ħażina 3 darbiet fuq laqgħa li kellha tkun il-ġurnata ta' qabel imma l-ASE qaltlu li hija kienet bgħatet korrezzjoni għalhekk irċieva iżjed min-notifika waħda. Is-Sindku qallu li l-iskrivani qed jaħlu wisq ħin meta joqogħodu jibgħatulu l-ittre bil-fax. Is-Sindku fakkar lill-Kunsillier Formosa li mhux sew li jaġixxi b'dal-mod meta m'għandux raġun.

3.3.1.12 Il-laqgha ġiet ssospenduta fis-18.18 ta' filgħaxija.

Is-Sur Horace J Anastasi
Is-Sindku

Is-Sinj Louise-Anne Gusman
Aġent Segretarju Eżekuttiv

Illum, 7 ta' Frar, 2013